**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 15 ta’ Lulju 2025**

**Rikors Numru 108/2024**

**Andre Spiteri**
**[Karta tal-Identita` Nru. 00150501(L)]**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Andre Spiteri** fil-18 ta’ Ottubru 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. *Illi l-esponent kien applika sabiex jingħata liċenzja ta’ Gwardjan Privat.*

2. *Illi huwa rċieva ittra datata 26 ta’ Settembru 2024 fejn ġie infurmat illi l-applikazzjoni tiegħu ġie rifjutata fl-interess tas-servizz fit-termini ta’Artiklu 45(l)(k) ta’Leġislazzjoni Sussidjarju 220.23-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta’ Malta ,kopja ta’ liema ittra qed tiġi annessa u mmarkata bħala* ***DokA***

3. *Illi l-esponent jirrimarka li fit-termini tal-Artikolu 10 (a)(iii) tal-Kapitlu 389-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-komunita` il-Kummissarju tal-Pulizija irid jirrifjuta applikazzjoni għall-liċenzja ta’ gwardjan privat taħt is-segwenti ċirkostanzi:*

i) *Minħabba xi reat jew*
ii) *Xi nuqqas ieħor fl-imġieba*

4. *Illi mill-anness ittra ta' discharged mmarkata bħala* **DokB,** *jirriżulta, kif intqal, li r-raġuni mogħtija hi sempliċiment għax hekk kien fl-interess tas-servizz, u mhux minħabba li hu kkometta xi reat jew għax kellu mġieba ħażina.*

5. *Illi konsegwentement l-esponent ħass ruħu aggravat minn din id-deċiżjoni u qiegħed jappella mill-istess quddiem dan it-Tribunal.*

6. *Illi in effetti għandu jirriżulta lil t-tkeċċija tiegħu mill-Armata ma kienitx għal ħtijiet gravi imputabbli lilu u konsegwentement m'għandhiex titqies bħala raġuni ġustifikata għar-rifjut tal-liċenzja, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li dan it-Tribunal jogħġbu jħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni tal-Kummissarju intimata kif kontenuta fl-ittra tas-26 ta' Settembru 2024 permezz ta' liema huwa ġie infurmat illi l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta' liċenzja ta' Gwardjan Privat ġiet miċħuda.*

Ra r-risposta tal-**Kummissarju tal-Pulizija** ppreżentata fil-31 ta' Ottubru 2024 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

1. *Illi fl-ewwel lok, qed jiġi eċċepit li r-rikorrent naqas milli jindika n-numru tal-identita' tiegħu fl-okkju mal-intavolar tal-proċeduri odjerni, għalhekk għandha tintalab id-debita korrezzjoni;*

2. *Illi esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jikkonċediex il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent skont dak kontemplat fl-Artikoli 10(a)(iii) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar f'dawn il-proċeduri;*

3. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent kien jifforma parti mill-Forzi Armati ta' Malta sa mid-29 ta' Novembru 2021 imma ntemmlu l-impjieg mill-istess Forzi Armati nhar il-31 ta Lulju 2024 u dan ai termini tar-regolament 45(1)(k) tal-L.S. 220.03 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Kummissarju esponenti ikkunsidra li l-imġieba tas-Sur Spiteri tinkwadra perfettament taħt l-artikolu 10(a)(iii) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi pruvat fil-kawża odjerna;*

4. *Illi ġjaladarba dan jaqa' fil-parametri tal-artikolu 10(a) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess artikolu ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***jimponi obbligu fuq il-Kummissarju*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389;*[1]

5. *Illi l-artikolu 10(a)(iii) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta lanqas ma jistipola terminu ta' riabilitazzjoni fejn wara li jgħaddi perjodu ta' żmien applikazzjoni ta'*

---

[1]Ara s-sentenza fl-ismijiet **George Camilleri vs Ministru tal-Intern, Sigurta' Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi et,** Rik. Nru. 57/2020. deċiża fit-26 ta' Lulju 2021 minn dan l-Onorabbli Tribunal.

*dan it-tip tkun tista' tiġi milqugħa mill-esponent Kummissarju. Illi l-unika terminu ta' riabilitazzjoni jidher li jingħata biss fil-każi li jaqgħu taħt l-artikolu 10(a)(v). B'hekk hija ċara li l-leġislatur ried li applikazzjoni tkun rifjutata dejjem u fi kwalunkwe każ jekk tkun tissussisti s-sitwazzjoni kontemplata taħt l-artikolu 10(a)(iii) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi magħdud mal-premess jidher ċar li l-leġislatur ried li persuni li ġew mkeċċija minn dixxiplina militari, bħal ma huma l-Forzi Armati ta' Malta, m'għandhomx jitħallew jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli. Naturalment li kieku l-leġislatur kellu l-intenzjoni li jagħti xi tip ta' diskrezzjoni allura huwa kien isemmiha fil-liġi u dan anke in sostenn tal-prinċipju ubi lex voluit dicit, ubi noluit tacuit;*

7. *Illi magħdud ma' dan, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat bħala konsegwenza ta' għemilu stess. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol;*

   *Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

Sema' x-xhieda mressqa mill-Kummissarju intimat;

Ra d-dokumenti esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensur tal-Kummissarju intimat;

Ra illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza.

## Ikkunsidra:

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 26 ta' Settembru 2024 li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-

***"Nagħmel referenza għall-applikazzjoni tiegħek għall-ħruġ ta' liċenza ta' Gwardjan Privat.***

***Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rrifjutata ai termini tal-Artikolu 10(a)(iii) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita' (Kap 389, tal-Liġijiet ta' Malta. Dan peress illi jirrizulta li inti tkeccejt mill-Forzi Armati ta' Malta minhabba xi nuqqas fl-imgieba."***

**Is-Supretendent Denise Miruzzi Mula** xehdet li meta jirċievu applikazzjoni għal gwardjan privat, il-Kummissarju intimat jagħmel riċerka, fost affarijiet oħra, mal-Forzi Armati ta' Malta biex jiġi verifikat jekk l-applikant tkeċċiex minn mal-istess jew inkella hemmx xi problemi oħra. Di fatti, l-Kummissarju intimat ġie nfurmat mill-Forzi Armati ta' Malta li r-rikorrent kien ġie mkeċċi fl-interess tas-servizz fil-31 ta' Lulju 2024. Kien għalhekk li l-Kummissarju intimat ċaħad l-applikazzjoni tar-rikorrent.

**Il-Kaptan Dr. Wayne Tonna,** uffiċjal mediku fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta, xehed illi fi kwalunke ħin il-membri tal-Forzi Armati huma suġġetti li jsirilhom test għal sustanzi illeċiti. Spjega li f'waħda minn dawn ir-*random checks* ir-rikorrent instab pożittiv għas-sustanza kokaina, liema sejba ġiet konfermata anke wara li saru eżamijiet ulterjuri da parti tal-Laboratorju tal-Universita` ta' Malta kif inhi l-prassi. Spjega li malli kien hemm il-konferma da parti tal-Laboratorju tal-Universita`, huwa nforma lid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tal-Forzi Armati.

**Il-Maġġur Bernardette Cachia**, uffiċjal tal-Forzi Armati ta' Malta stazzjonata ġewwa r-*Records Office*, xehdet illi hija kienet irċeviet ordni li r-rikorrent kellu jispiċċa minn mal-Forzi Armati. Għaldaqstant hija ħarġet id-*discharge papers*. Spjegat li f'każijiet bħal dak in eżami, persuna li tirriżulta pożittiva għal sustanzi illeċiti tiġi mkeċċija b'mod immedjat fl-interess tas-servizz. Fuq mistoqsija tad-difensur tar-rikorrent jekk l-istess rikorrent intalabx jagħti l-verzjoni tiegħu qabel ġie mkeċċi, ix-xhud wieġbet li meta persuna isirlu t-test jiġi mistoqsi ċertu affarijiet, pero` anke jekk jirrifjuta t-test, il-persuna tiġi mkeċċija fl-interess tas-servizz.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jibda biex jagħmel referenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat. Filwaqt li huwa minnu li fl-okkju ma ġiex indikat in-numru tal-Karta tal-Identita` tar-rikorrent, jirriżulta li dan ġie indkat wara l-kliem "Rikors ta' Andre Spiteri". Illi għaldaqstant, ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal qiegħed jordna li n-numru tal-Karta tal-Identita` jiżdied wara isem ir-rikorrent fl-okkju tar-rikors promutur. Għaldaqstant, qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni.

Illi r-rifjut tal-Kummissarju intimat huwa msejjes fuq artikolu 10 (a) (iii) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita'), liema artikolu jgħid is-segwenti, u ċioe`:

*"Il-Kummissarju* ***gћandu***[2] *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waћda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oћra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant*

*(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizzi tal-ћabs minћabba xi reat jew xi nuqqas ieћor fl-imġieba;"*

Mill-provi prodotti mill-Kummissarju intimat jirriżulta illi r-rikorrent ġie mkeċċi fl-interess tas-servizz mill-Forzi Armati ta' Malta minħabba li rriżulta pożittiv għas-sustanza kokaina.

Illi r-rikorrent jisħaq illi mill-ittra ta' tkeċċija ma jirriżultax illi t-tkeċċija tiegħu saret għaliex huwa kkommetta xi reat jew inkella għax kellu mġieba ħażina. Huwa jkompli jgħid li t-tkeċċija ma kinitx għal ħtijiet gravi imputabbli lilu.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-fatt li membru tal-Forzi Armati jirriżulta pożittiv għall-kokaina jammonta għal imġieba ħażina. Ċertament ma huwiex indikat li persuna fdata bi rwol fis-sigurta` nazzjonali ta' pajjiżna tieħu sustanzi illeċiti. Di fatti, kif spjegat il-Maġġur Cachia, l-Armata għandha *Drug Abuse and Drug Related Offence Policy* fejn jekk persuna tirriżulta pożittiva għal sustanzi illeċiti jitkeċċa b'mod immedjat fl-interess tas-servizz. Illi ċertament l-imġieba tar-rikorrent ma tistax titqies ħlief bħala nuqqas ta' mġieba tajba fis-servizz.

It-Tribunal jirrileva illi ladarba l-Kummissarju intimat irriżultalu li r-rikorrent kien ġie mkeċċi mill-Armata fuq imġieba ħażina, ma seta' jeżerċita ebda tip ta' diskrezzjoni biex proprju joħroġ il-liċenzja in kwistjoni. Fejn il-liġi riedet li l-Kummissarju intimat ikollu diskrezzjoni, dan qalitu b'mod mill-iktar ċar bħal ma pereżempju wieħed isib f'artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita'), u ċioe` meta l-Kummissarju intimat jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li ma tinħariġx tali liċenzja. Fil-kaz tal-Artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 il-Kummissarju ġie fdat bid-diskrezzjoni li jevalwa ċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu qabel jieħu d-deċiżjoni tiegħu. Pero` fejn si tratta ta' tkeċċija

[2] Enfasi tat-Tribunal

mill-Forzi Armati ix-xenarju ma jħalli ebda tip ta' diskrezzjoni f'idejn il-Kummissarju intimat. Kif, *del resto*, m'għandu ebda diskrezzjoni dan it-Tribunal li jiddeċiedi mod ieħor minn kif iddeċieda l-Kummissarju intimat.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal wara li qies li l-Kummissarju intimat ġab prova li r-rikorrent ġie mkeċċi mill-Forzi Armati ta' Malta fuq nuqqas fl-imġieba tiegħu, iqis li d-deċiżjoni li tiġi rifjutata l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat hija tajba fil-fatt u fid-dritt.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat datata 26 ta' Settembru 2024 u filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni, jilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**